MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 450/1999/1

Alfred Mizzi

vs

Kunsill Lokali tal-Gudja

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni li biha l-attur Alfred Mizzi ippremetta:-

Illi fuq inkarigu tal-konvenut, l-attur ghamel xogholijiet ta' rdim u tqeghid ta' "wet mix" fi triq l-Eghlejjel, Gudja.

Illi fir-rigward ta' dan ix-xoghol il-konvenut huwa debitur ta' l-attur fl-ammont ta' elf mija u tnejn u tmenin lira maltija (Lm1,182) (Dok A – C).

Illi l-konvenut debitament interpellat sabiex ihallas dan l-ammont baqa’ inadempjenti.

Ghalhekk l-atur qed jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta’ elf mija u tnejn u tmenin lira Maltija (LM 1,182) ghal xogholijiet li ghamel l-attur gewwa Triq l-Eghlejjel, Gudja fuq inkarigu ta’ l-istess konvenuti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament knfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kunsill Lokali konvenut fejn gie eccepit:-

Illi l-Kunsill eccipjent ma ghandu jaghti l-ebda flejjes lill-attur in kwantu fuq appalt minnu indikat l-ammont thallas kollu skond il-ftehim prestabbilit u kwantu ghall-appalt l-iehor l-attur esegwixxa xogholijiet mhux awtorizzati;

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess Kunsill konvenut debvitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda relattiva.

Rat l-affidavits ta’ Anthony Bezzina u l-Perit Marriello Spiteri t-tnejn prodotti mill-attur;

Rat l-affidavit tal-attur

Rat l-affidavit ta’ Victor Mifsud, Segretarju Esekkuttiv tal-Kunsill Lokali konvenut prodott mil-istess Kunsill Lokali

Semghat lill-istess Victor Mifsud msejjah mill-Kunsill Lokali konvenut

Semghat l-imsemmi Perit Marriello Spiteri prodott mill-Kunsill konvenut u in kontro-ezami

Regghat semghat x-xhud Perit Marriello Spiteri msejjah mill-Kunsill konvenut

Semghat l-imsemmi xhud Victor Mifsud in konto-ezami.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur.

Rat in-nota ta’ sottomizzjonijiet tal-Kunsill Lokali konvenut.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet diferita sabiex tinghata is-sentenza.

Ikkunsidrat:-

Din hi kawża sabiex il-Kunsill Lokali konvenut ihallas lill-attur Alfred Mizzi s-somma ta’ elf mija u tnejn u tmenin lira Maltija (Lm1,182) għal xogholijiet ta’ rdim u tqeghid ta’ wet mix fi triq l-Eghlejjel, Gudja li l-attur jallega li għamel fuq inkarigu tal-konvenut. L-imsemmija somma, skond l-attur, hi dovuta kwantu ghal Lm589 bhala bilanc minn somma akbar ghall-konsenja u ghoti ta’ wet mix fi Triq l-Eghlejjel, Gudja (fol 6), u kwantu ghal Lm593.18 prezz ta’ xoghol ta’ irdim fi Triq l-Eghlejjel kantuniera ma’ Triq il-Palazz, Gudja (fol.7).

Da parti tiegħu, il-Kunsill konvenut jeccepixxi li huwa ma ghandu jaghti xejn lill-attur u dana in kwantu ghal wiehed mill-appalti imsemmija mill-istess attur l-ammont thallas kollu skond il-ftehim prestabbilit u in kwantu ghall-appalt l-iehor l-attur esegwixxa xogholijiet li ma kienux awtorizzati. Dawn iż-żewġ appalti ovvjament ser jiġu kkunsidrati separatament.

Fir-rigward tal-ammont mitlub ta’ Lm589, bhala bilanc minn somma akbar ghall-konsenja u ghoti ta’ wet mix fi Triq l-Eghlejjel, Gudja (fol 6), jinghad li jirriżulta mill-provi illi l-perit tal-Kunsill Lokali konvenut Mariello Spiteri kien ghamel stima tax-xoghol in kwestjoni cioe’ ta’ konsenja u tqeghid ta’ wet mix fis-somma ta’ Lm1,828.94. L-istess Perit pero’ rreveda din l-istima li saret ta’ Lm2,320. Skond din l-istima, kien hemm 232 metri kubu ta’ wet mix

macadam x’ jinghata. Jirriżulta illi l-Kunsill konvenut kien approva li x-xoghol kellu jsir fuq firxa ta’ tant kubagg ammontanti ghall-LM2,320, skond kif ikkwota l-attur stess, bl-approvazzjoni tal-Perit tal-Kunsill.

Da parti tiegħu, l-attur qiegħed jippretendi li huwa kien ghamel uzu minn dan il-materjal fuq area akbar u beda jippretendi hlas ta’ LM3,330. Huwa jgħid illi meta sar il-kejl finali wara li tlesta x-xoghol kien hemm is-somma addizzjonali ta’ Lm589 u dan peress li l-kejl totali kien ta’ 294 metri kubu. Fit-30 ta’ Mejju 1997, il-Perit Mariello Spiteri iddikjara li huwa ma kienx jaqbel maz-zieda fis-somma mitluba (fol 70, dok H). Kwindi l-perit approva pagament għall-232 metri kwadri biss. Din l-opinjoni tal-perit tikkontrasta pero ma’ opinjoni oħra li kien ta huwa stess f’ittra datata 22 ta’ Ġunju 1998 (fol 26) fejn qal illi l-kont għat-tqegħid ta’ wet macadam fl-ammont ta’ Lm589 għandu jitħallas mill-Kunsill. Imbagħad fis-16 ta’ Novembru 1999, a fol 36, l-Perit Mariello Spiteri xehed hekk – “Fir-rigward tas-somma ta’ ħames mija u disa’ u tmenin lira maltija (Lm589) nikkonferma li jiena kont personalment ivverifikajt li kien ingħata l-wet mix li tiegħu qed jintalab il-ħlas u għalhekk ikkonfermajt li l-ammont kien dovut lil Alfred Mixxi. Fil-fatt kien ukoll sar il-kejl minni tal-materjal li ntuża u kien fuq din il-baż li jiena iddikjarajt lill-Kunsill li seta’ jgħaddi għall-ħlas.

Inoltre l-istess perit xehed (fol.91) illi “issa dan ix-xogħol iżjed ma kontx awtorizzajtu jien, biss jista’ jkun li kien awtorizzat minn xi nies oħra ......” Imbagħad a fol 96 il-Perit iżid illi jaħseb li kien il-każ ta’ extra work, u a fol 97 xehed illi huwa ma kienx infurmat li kien ha jkun hemm extension. Jiġi osserovat illi kif spjega il-Perit a fol 103, l-kontijiet kienu jinħarġu għal partijiet ta’ art li jkun ingħata l-wet mix. Il-pretensjoni tal-kuntrattur kienet eċċessiva għal dik il-parti tat-triq.

In vista ta dawn il-varji fehmiet tal-Perit tal-Kunsil Lokali konvenut, liema fehemiet huma uoll kontrastanti jidher gustifikat li t-talba relattiva tal-attur tigi dikjarata li hi gusta u timmerita li tigi akkolta.

Fir-rigward tal-ammont l-iehor mitlub mill-attur ta' Lm593.18, rappresentanti xoghol ta' irdim fi Triq l-Eghlejjel kantuniera ma' Triq il-Palazz, Gudja (fol 7). Dan l-ammont huwa ammont li l-attur qiegħed jippretendi għal Phase 2 ta' dan l-imsemmi xogħol. Dan huwa xogħol illi, skond kif il-perit tal-Kunsill Lokali konvenut, xehed a fol 110, sar fl-aħħar ta' Ottubru, Novembru 1997 u li għalih il-kuntrattur talab Lm593.18.

Ghandu jiġi osservat illi l-aħħar ħaġa li jirrizulta li ssir f'xogħolijiet li għandhom x'jaqsmu ma' toroq hija illi jingħata t-tarmac u t-tarmac ma ingħatax mill-attur iżda minn kuntrattur ieħor, u l-kont fir-rigward ta' dan ix-xogħol inħareġ Ġunju 1997. Issa bejn Ġunju tal-1997 wara li kien ingħata t-tarmac ma jistax ikun illi l-attur ikun għamel xogħolijiet extra, u l-Perit jgħid illi "il-kont intbagħat mill-attur wara li ingħata t-tarmac u dan kien għal outstanding works." Kwindi il-kont għax-xogħol ta' irdim hu datat Diċembru. In effett ghandu jiġi osservat illi mhux verosimili li l-attur ikun għamel xogħolijiet extra wara li jkun ġie applikat it-tarmac minn terzi. Hi stramba għala dan l-ammont ma ddaħħalx fil-kont ta' qabel. Pero' fl- ittra datata 22 ta' Ġunju 1998 (fol 26) il-perit Mariello Spiteri qal illi l-kont għal backfilling works ma jidhirx illi kien jifforma parti mill-kuntratt tal-attur Mizzi. Il-Kunsill hallas is-somma ta' Lm519.84 ghal xoghol ta' backfilling fi Triq l-Eghlejjel li kien sar wara zjara tal-Ministru Charles Buhagiar. Ix-xhud Anthony Bezzina jgħid illi s-somma ta' Lm593.18 li qeghda tintalab ghal xoghol ta' backfilling fl-istess triq m'ghandux x'jaqsam max-xoghol li kien gie ordnat mill-perit Charles Buhagiar. Fil fatt dan ix-xoghol kien sar wara z-zjara tal-Ministru Buhagiar u m'ghandux ebda konnessjoni maz-zjara tal-Ministru.

L-attur Mizzi xehed illi dan ix-xoghol ta' backfilling bilfors kellu jsir ghaliex kien parti mill-progett ta' Triq l-Eghlejjel. Fil fatt kien hemm area kantuniera ma' Triq il-Palazz, Gudja fejn kien hemm gebel kbir u meta dan tneħħa, il-kuntrattur sab il-vojt. Ghalhekk kellu jsir ix-xoghol ta' backfilling biex ikun jista' jitqieghed il-wet mix u wara t-

tarmac. Kwindi jidher li t-talbiet tal-attur anke f'dan ir-rigward huma gustufikati. Infatti l-perit Mariello Spiteri kien għal xi żmien il-perit tal-Kunsill Lokali tal-Gudja pero' dan l-inkarigu spiċċa fit-tletin ta' Novembru 1997 (fol 107). Ix-xoghol li kellu jaghmel dan Alfred Mizzi kien jinkludi xoghol fi Triq l-Eghlejjel, Gudja. Ix-xoghol kien beda fil-bidu ta' Novembru 1996. L-imsemmi Perit Spiteri (fol 36) ikkonferma illi x-xogħol ta' backfilling sar fi Triq l-Egħlejjel kantuniera ma' Triq il-Palazz kellu jsir..

In vista ta dan kollu li ntqal iktar il-fuq l-ammonti kollha mitluba jirrizultaw sufficjentement dovuti mill-konvenuti u kwindi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti ghandhom jigu michuda u konsegwentement it-talbiet attrici jimeritaw li jigu akolti.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kolha tal-Kunsil-Lokali konvenut u fit-tieni lok billi tilqa t-talbiet kollha tal-attur u tikkundanna lill-Kunsill Lokali tal-Gudja jhallas lill-attur is-somma komplesiva ta' elf mija u tnejn u tmenin lira maltija (Lm1182) ghal xogholijiet li ghamel l-attur gewwa Triq l-Eghlejjel, Gudja fuq inkarigu ta' l-istess konvenuti u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' meta inharget il-fattura relattiva sad-data tal-effettiv pagament. L-imsemmi ammont f'liri maltin hu ekwivalenti ghal euro elfejn seba mija erba u hamsin u sitt centezmi (€2754.06).

Spejjez kollha kontra l-Kunsill Lokali konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------